**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Novembru, 2015**

Talba Numru: 803/2015JB

Kawza Numru: 27

**Image Systems Limited (C4052)**

***vs***

**TRC Family Entertainment Limited (C53076)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-30 ta' Settembru 2015, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mija u disa' euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€709.24);

Ra d-digriet tat-2 ta' Ottubru 2015 (a fol 8 u 9) illi permezz tieghu il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-lum fil-waqt li t-Tribunal ta provvedimenti ghall-ahjar tmexxija tal-kawza;

Ra li s-Socjeta Konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fis-26 ta' Ottubru 2015, eccepiet illi: -

> Preliminarjament, is-socjeta' intimata ("TRC") tinforma lit-Tribunal illi inbdew proceduri kontriha minn Domestica Limited permezz ta' liema l-Onorabbli Qorti [Civili] Prim'Awla qed tigi mitluba tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija (Rik. Numru 546/2015 fl-ismijiet Domestica Limited *vs* TRC Family Entertainment Limited). Ghaldaqstant TRC titlob li, pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri, dawn il-procedimenti ghandhom jitwaqqfu u dan *ai termini* tal-Artikolu 220 tal-Kap 386;
>
> Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija rikorrenti ghandha tipprova l-allegazzjonijiet kontenuti fit-talba taghha inkluz li ggib il-prova tal-ammonti li huma dovuti mill-kumpanija intimata u jekk dan l-Onorabbli Tribunal isib li TRC hija responsabbli ghall-hlas tad-dejn in kwistjoni, m'ghandux jigi ordnat il-hlas u dan ghaliex tali hlas ikun jista jikkostitwixxi preferenza frawdolenti fir-rigward tal-krredituri l-ohra ta' TRC kontra l-Artikolu 303 tal-Kap 386.

Sema' l-provi prodotti;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici qieghdha titlob il-hlas ta' somma rapprezentanti provvista ta' servizz ma' zewg *multi functional printers.* Is-socjeta konvenuta qieghdha tilqa' ghal din l-azzjoni permezz tal-eccezzjonijiet fuq riportati;

Illi ghalkemm debitament notifikata bid-digriet tat-2 ta' Ottubru 2015, fejn is-Socjeta Konvenuta giet ordnata li flimkien mar-risposta ghandha tipprezenta d-dokumenti kollha rilevanti ghall-kaz, din ghazlet li ma tipprezenta ebda dokument mar-risposta taghha. Inoltre ghas-seduta tal-lum attendiet biss l-abbli difensur tas-Socjeta Konvenuta u ma attenda l-ebda rapprezentant tal-istess socjeta;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> gudikatur għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda;

Illi t-Tribunal iqis li f'kawzi ghal kanonizazzjoni ta' krediti – partikolarment fejn imiss ma' krediti zghar kif inhuwa dak odjern – sija minhabba d-dispozizzjoni espressa tal-ligi kif ukoll ghaliex mhuwiex fl-ahjar interess tal-gustizzja, mhemmx lok ghal dewmien u prokrastinazzjoni zejda anke tenut kont tal-fatt li fid-dinja tal-lum, l-ispejjez ghan-negozjanti huma kbar u mhemmx gustifikazzjoni sabiex kawza bhal din titwal inutilment. Ghalhekk, it-Tribunal se jghaddi sabiex jgharbel dak li ghandu quddiemu;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni kontenuta fir-risposta taghha, s-Socjeta Konvenuta qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex iwaqqaf il-proceduri odjerni *ai termini* tal-Artikolu 220 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-proceduri ghax-xoljiment u l-istralc (Rik. Nru: 546/2015) intavolati mis-Socjeta Domestica Limited kontra l-istess Socjeta Konvenuta;

Illi l-Artikolu 220 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> F'kull żmien wara li jkun ippreżentat rikors għal stralċ, u qabel ma jingħata ordni għal stralċ, il-kumpannija, jew kull kreditur jew kontributorju, jistgħu jagħmlu rikors lill-qorti biex twaqqaf il-proċedimenti ġudizzjali tal-qorti pendenti kontra l-kumpannija, u l-qorti tista' twaqqaf dawk il-proċedimenti b'dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

Illi kif gie ritenut f'diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna, il-Qorti, jew f'dan il-kaz, it-Tribunal, m'ghandiex idejha marbutin, izda tista' tezercita d-diskrezzjoni taghha sabiex tilqa' jew tichad tali talba;[1]

Illi t-Tribunal iqis li din il-latitudni mghandhiex tigi ezercitata sabiex tipprokrastina r-rikonoxximent ta' kreditu. Huwa ragjonevoli li jinghad li fi proceduri ta' stralc, l-akbar ugiegh ta' ras ghall-istralcjarju probabilment tkun il-fazi sabiex jistabilixxi min huma l-kredituri u x'inhuma d-debiti tas-socjeta stralcjanda. Dak li qieghdha taghmel is-Socjeta Attrici bl-odjerna kawza huwa li titlob il-hlas ta' somma certa, likwida u dovuta u dan it-

---

[1] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet Dr. Edward Gatt *noe vs* TRM Limited Malta deciza fl-10 ta' Ottubru, 2007

Tribunal ma jarax ghalfejn – sakemm ma jkunx hemm xi impediment legittimu – mghandux ikun hemm rikonoxximent gudizzjarju ta' tali pretensjoni kemm-il darba tirrizulta;

Illi naturalment dan ma jfissirx li eventwali gudikat ta' dan it-Tribunal jista' jigi ezegwit awtomatikament kontra s-Socjeta Konvenuta. Il-ligi stess li stabbilliet dan it-Tribunal fdat l-esekuzzjoni tal-gudikati tat-Tribunal lill-Qorti tal-Magistrati. Fi kwalunkwe kaz, hu stat ta' fatt li l-process ta' konjizzjoni ta' pretensjoni u l-process ta' ezekuzzjoni huma processi procedurali distinti u separati. Dak li ghandu quddiemu t-Tribunal huwa proprju talba ghall-konjizzjoni gudizzjali tal-pretensjoni u ma jidher li hemm ebda impediment legittimu sabiex din it-talba ma tigix trattata u deciza u wisq anqas ma jirrizulta li l-partijiet se jottjenu xi utli jekk ikun hemm sovrasessjoni (hlief naturalment id-dewmien, il-prokrastinazzjoni u l-hela tal-hin li sfortunatament hafna jfittxuhom sabiex itawlu u jhawwdu l-borma ghad-detriment tal-kredituri);

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jqisx li hemm lok ghal provvediment taht l-Artikolu 220 tal-Kapitolu 386 u ghalhekk se jichad l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidra;

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, is-Socjeta Konvenuta tissoleva zewg punti u cioe': (i) illi s-Socjeta Attrici ghandha ggib prova tal-ammont pretiz; u (ii) illi jekk jigi ordnat il-hlas dan ikun jista jikkostitwixxi preferenza frawdolenti fir-rigward tal-kredituri l-ohra;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel parti ta' din it-tieni eccezzjoni, t-Tribunal huwa tal-fehma li s-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova l-pretensjoni taghha permezz tax-xhud Daria Falzon li xehdet u pprezentat ghadd ta' dokumenti in sostenn tat-talba attrici;

Illi mix-xhieda ta' Daria Falzon jirrizulta li skond is-Socjeta Attrici l-ammont mitlub ta' €709.24 ghadu dovut peress li minn meta giet prezentata l-kawza ma saru l-ebda hlasijiet da parti tas-Socjeta Konvenuta. Il-kontijiet kienu jinhargu b'mod regolari u jirreferu ghall-uzu li jkun sar minn dawn iz-zewg *multi functional printers* a bazi ta' *readings* li jkunu nghataw lis-Socjeta Attrici mill-istess Socjeta Konvenuta;

Illi mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Konvenuta ghazlet li ma taghmilx kontro-ezami lix-xhud Daria Falzon, filwaqt li ddikjarat li mhijiex f'posizzjoni li tipprezenta provi fis-seduta tal-lum u dan minkejja li kienet ben konsapevoli tan-natura tal-proceduri quddiem dan it-Tribunal;

Illi t-tieni parti ta' din it-tieni eccezzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 303 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta li fis-subartikolu wiehed (1) jipprovdi hekk:

> Kull privilegg, ipoteka jew piz iehor, jew trasferiment jew disponiment ta' proprjetà jew jeddijiet, ukull hlas, ezekuzzjoni jew att iehor dwar proprjetà jew jeddijiet maghmula mill-kumpannija jew kontriha, u kull obbligazzjoni li tidhol fiha l-kumpannija, fi zmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpannija ghandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri taghha, kemm jekk ikunu ta' xorta gratuwita jew jekk ikunu ta' xorta oneruza jekk jikkostitwixxu operazzjoni taht il-valur jew jekk tinghata preferenza, kemm-il darba l-persuna li favur taghha jkunu saru ma tipprovax li ma kenitx taf u ma kellhiex raguni tahseb li l-kumpannija kienet x'aktarx se tkun xolta minhabba insolvenza, u fil-kaz li l-kumpannija tkun hekk xolta kull preferenza bi frodi tkun nulla.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, minbarra dak li nghad aktar 'il fuq dwar id-distinzjoni li ghandha tinzamm bejn il-konjizzjoni tal-pretensjoni u l-ezekuzzjoni taghha, it-Tribunal iqis li l-

protezzjoni li qed tinghata bid-dispozizzjoni appena citata hija protezzjoni kontra transazzjonijiet dubjuzi li jkunu saru fl-ahhar xhur qabel l-istralc. Certament li kawza mhijiex transazzjoni – altru milli hekk. Kawza hi l-antitezi ta' transazzjoni ghaliex b'kawza l-attur isejjah quddiem l-awtorita gudizzjali lill-konvenut sabiex quddiem tali awtorita jirrimettu l-kwistjoni li jkollhom. Huwa car li s-Socjeta Konvenuta ma dahlitx ghal din il-kawza minn jeddha imma spiccat quddiem it-Tribunal ghaliex giet imharrka fuq talba tas-Socjeta Attrici u dan dwar transazzjoni naxxenti minn kuntratti tal-2012;

Illi huwa inawdit li wiehed jittenta jissuggerixxi li eventwali sentenza tista' tikkostitwixxi xi forma ta' frodi partikolarment meta d-dicitura tal-ligi citata turi bic-car li l-legislatur ried jaghti protezzjoni kontra transazzjonijiet dubjuzi li jsiru minn kumpannija meta jibda' jberraq. Aktar u aktar meta wiehed iqis li biex transazzjoni titqies li taqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu tal-ligi appena citata meta jkunu jirrizultaw certi cirkostanzi bhal meta t-transazzjoni tkun taht titolu gratuwitu jew tkun tikkostitwixxi operazzjoni taht il-valur;

Illi fil-kaz odjern, it-transazzjoni hija naxxenti minn kuntratti li gew iffirmati zmien ilu u jirrigwardaw l-uzu ta' *multi functional printers*. Certament li fil-kaz odjern l-invokazzjoni tal-Artikolu 303(1) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta saret biss biex thawwad u ttawwal aktar u aktar meta s-Socjeta Konvenuta la baghtet rapprezentant taghha u lanqas ma ressqet provi u dokumenti in sostenn tad-difiza taghha fil-waqt li d-difensur taghha irrinunzjat ghall-kontro-ezami tal-uniku xhud prodotta;

Ghalhekk it-Tribunal ma jarax li ghandu jaghti xi provvediment a bazi tal-Artikolu 303(1) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta u fi kwalunkwe kaz, kemm-il darba xi hadd li ghandu interess iqis li jista' jirrikorri ghal rimedju taht dik id-dispozizzjoni tal-ligi, mhemm xejn li jzommu milli jaghmel dan – quddiem il-foro kompetenti. Konsegwentement se jghaddi sabiex jichad anke t-tieni parti tat-tieni eccezzjoni;

Ikkunsidra;

Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li fid-dawl tar-rizultanzi legali u fattwali, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba taghha fil-waqt li s-Socjeta Konvenuta ma rnexxiliex tissostanzja t-talba taghha ghat-twaqqif tal-proceduri odjerni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi fil-waqt li jichad iz-zewg eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta Konvenuta, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €709.24 bl-imghax legali skond il-ligi.

L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*